# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023

**Rikors numru: 450/2016/1 BS**

**Wara l-Ittra Uffiċjali bin-numru 450/2016**

**Saviour Cassar**

**-vs-**

**Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma**

**Il-Qorti;**

## A. PRELIMINARI:

**Rat ir-rikors ta' Saviour Cassar magħmul ai termini tal-Artiklu 466 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi ppremetta:**[1]

[1] Rikors a fol. 1 sa 2 b'dokument anness—ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru, 2016—a fol. 3 inkluż in *retro pagina*.

ILLI l-esponenti rċieva ittra uffiċjali ai termini tal-Artiklu 466 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura u l-Organizzjoni Ċivili fejn ġie interpellat sabiex fi żmien għaxart ijiem iħallas is-somma ta' elf u mitejn Ewro (€ 1,200) dritt dovut għal *bunkering* għas-snin 2015 u 2016;

ILLI dan kollu ġie mitlub permezz tal-ittra suċċitata bin-numru 450/16 tal-għoxrin (20) ta' Settembru elfejn u sittax (2016) ippreżentat f'din l-Onorabbli Qorti (Dokument A);

ILLI l-esponenti jixtieq jikkontesta l-imsemmija ittra għar-raġuni segwenti:-

ILLI l-ammont mitlub ma huwiex dovut stante illi fiż-żmien referit (snin 2015 u 2016) huwa kien waqaf minn li jiġġestixxi dik l-attività tal-*bunkering*, u kien talab id-debita eżonerazzjoni tant illi saħansitra kien bil-kunsens ta' l-intimat [sic] irtira l-grazanzija [sic] bankarja li soltu hija abbinata sabiex tkun tista' tiġi ġestita din l-attività, u li mingħajrha ma tistax tiġi ġestita.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex; tħassar l-effetti tal-imsemmija ittra uffiċċjali [sic] peress illi għar-raġunijiet suesposti l-ħlas reklamat ma huwiex dovut.

**Rat ir-risposta tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma li permezz tagħha eċċepixxa:**[2]

ILLI t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħudha [sic] u dan għas-segwenti raġunijiet:

[2] Risposta a fol. 13 sa 15 b'dokumenti annessi—imajls u fattura—a fol. 16 sa 18. Ir-risposta hija esibita għal darb'oħra a fol. 19 sa 21 bid-dokumenti a fol. 22 sa 24.

ILLI r-rikorrenti Saviour Cassar (K.I. Nru. 51850G) huwa d-detentur tal-awtorizzazzjoni *BUN/RTK/005*/11 maħruġa taħt il-leġislazzjoni sussidjarja 545.25 (Regolamenti Dwar l-Awtorizzazzjoni ta' *Bunkering*). Illi l-ammont ta' dritt ta' awtorizzazzjoni li għandu jiġi mħallas għal dik l-awtorizzazzjoni huwa stabbilit skont il-partita 3 tat-Tieni Skeda ta' dawk ir-Regolamenti jiġifieri dritt ta' €500 u ta' €50 għal kull *tanker* għal kull sena;

ILLI mhuwiex korrett ir-rikorrenti li jgħid li l-ammont mitlub ma huwiex dovut stante illi fiż-żmien referit (snin 2015 u 2016) huwa kien talab id-debita eżonerazzjoni milli jħallas l-istess ammonti. Illi fir-realtà r-rikorrenti la qatt talab formalment u wisq anqas ingħata din l-istess eżonerazzjoni mir-Regolatur;

ILLI stante l-fatt li r-rikorrent qatt ma talab li l-istess awtorizzazzjoni tiġi rtirata mir-Regolatur, l-ammont li jitħallas bħala dritt ta' awtorizzazzjoni annwali huwa u għandu jibqa' dovut lir-Regolatur. Illi tant dan huwa minnu li r-rikorrent kien talab li l-awtorizzazzjoni tiġi mġedda għas-sena 2015 u li tiġi trasferita fuq is-soċjetà *C. Cassar Service Station Limited* (C62585) (ara emails dok. REWS 1 anness);

ILLI mhuwiex korrett ir-rikorrent meta jgħid "*illi saħansitra kien bil-kunsens tal-intimat irtira l-garanzija bankarja li s-soltu hija abbinata sabiex tkun tista*['] *tiġi ġestita din l-attività, u li mingħajr[h]a ma tistax tiġi ġestita.*" Illi fir-realtà r-Regolatur intimat qatt ma talab lir-rikorrenti biex jagħmel garanzija bankarja a favur tiegħu, aħseb u ara kemm setgħa [sic] allura jagħti l-kunsens tiegħu li l-istess tiġi rtirata. Illi huwa probabbli li r-rikorrenti qiegħed jikkonfondi din il-garanzija bankarja naxxenti minn obbligi regolatorji [i]mposti minn xi

awtorità regolatorja oħra (possibilment l-Awtorità tat-Trasport);

ILLI l-ammont rikjamat mir-Regolatur intimat huwa ammont dovut mill-istess rikorrenti u dana ai termini ta' dak li tipprovdi l-liġi senjatament l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġ[i]jiet ta' Malta li jagħti d-dritt lir-Regolatur li jipproċedi billi jibgħat ittra uffiċjali sabiex *jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi...għal dritt ta' xi liċenzja.* Illi fil-każ odjern, l-awtorizzazzjoni mertu ta' din il-kawża hija waħda relatata ma' drittijiet tal-awtorizzazzjoni *(BUN/RTK/*005/*11*) għal operazzjoni u l-attività ta' tagħbija, ħatt u trasferiment ta' karburanti bejn *tanker* fit-triq u bastiment li jkun jirċievi l-karburanti u li l-ammont komplessiv dovut lir-Regolatur huwa ta' elf u mittejn [sic] euro [sic] (€1,200);

ILLI r-Regolatur esponenti, wara li interpella lir-rikorrent diversi drabi, ipproċeda bl-imsemmija ittra uffiċjali ai termini ta' dak li l-liġi titlob u talab lill-intimat sabiex iħallas dak li hu dovut minnu. Xhieda ta' dan huma d-diversi interpellazzjonijiet li kellu biex jikkonforma ruħu (ara dok. REWS 2 anness ma' dan ir-rikors);

ILLI minkejja dawn l-interpellazzjonijiet, ir-rikorrent qatt ma [i]nforma bl-ebda mod lir-Regolatur illi l-ammont ma kienx dovut. Illi r-Regolatur jikkonferma l-korrispondenza li fil-fatt kien hemm, u jirriserva [sic] li jippreżenta kull dokumentazzjoni oħra fil-mori tat-trattazzjoni ta' din il-kawża;

Salvi eċċezzjonijiet oħra u b'riżerva li jekk ikun il-każ ir-rikorrent jiġi deferit għall-ġurament deċiżorju kif hemm provdut fl-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi

rilevat li l-proċedura li esegwa r-Regolatur esponenti hija waħda li permezz tagħha r-Regolatur esponenti:

i. għandha effett daqslikieku hi ġudikat tal-Qorti kompetenti;

ii. hi waħda leġittima li saret ai termini ta' dak li jitlob l-istess artikolu;

iii. ma hemm l-ebda bażi li fuqha t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa billi r-rikorrenti ma għandu ebda bażi legali li fuqha jista' jikkontesta t-talba tar-Regolatur esponenti;

Għaldaqstant ir-Regolatur esponenti umilment jissottometti li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħudha [sic] bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Fliet l-atti;**

**Rat** in-nota tal-attur tat-22 ta' Frar, 2022 ma' liema ġew annessi kopja ta' *bunker operator permit* maħruġ lill-attur mill-Awtorità tat-Trasport kif ukoll kopja ta' garanzija bankarja numru 8820110953 maħruġa fid-19 ta' Mejju, 2011 għal tlieta u għoxrin elf mitejn u erbgħa u disgħin ewro (€23,294) f'isem l-attur u terza persuna;[3]

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' April, 2022 l-attur iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq;[4]

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2022 ir-Regolatur konvenut iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu maghluq;[5]

**Rat** li fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2023 il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza bil-fakultà mogħtija lill-partijiet sabiex jagħmlu noti tal-osservazzjonijiet finali;[6]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali;

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;**

## B. PROVI:

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**L-Inġinier Stephen Mifsud**, inġinier u analista impjegat mar-Regolatur konvenut, xehed[7] billi esibixxa kopja tal-*file* kollu relattiv għall-applikazzjoni sabiex tinħareġ liċenzja ta' *road tanker marine* magħmula mill-attur. Iżid li inkluż f'dan hemm dokumenti relattivi għas-socjetà *Claudio Cassar Service Station Limited* dwar meta ntalab it-trasferiment tal-liċenzja mill-attur għal fuq C. Cassar.

Iżid li l-*file* jinkludi kopja tal-permess li kien inħareġ.

Jgħid li fir-rigward ta' C. Cassar hemm ħafna korrispondenza però permess qatt ma nħareġ peress li ma ġewx sottomessi dokumenti neċessarji.

Jesibixxi wkoll kopja ta' bejgħ li sar lill-attur mill-2010 sa l-2016. Iżid li bejgħ dejjem sar biss lill-attur.

Id-dokumenti esibiti mix-xhud jinsabu a fol. 51 sa 166.[8]

**Xehed ulterjorment**[9] li l-attur kellu liċenzja ta' *road tanker marine* li oriġinarjament inħarġet mill-Awtorità tar-Riżorsi

---

[3] Nota a fol 242, *bunker operator permit* a fol. 242 sa 245, u garanzija bankarja a fol. 246.
[4] Verbal a fol. 298.
[5] Verbal a fol. 306.
[6] Verbal mhux paġinat.
[7] Traskrizzjoni a fol. 49 u 50.
[8] Kopji addizzjonali jinsabu a fol. 186 sa 218.
[9] Traskrizzjoni a fol. 222 sa 227.

li mbagħad imbidel isimha għal kif jidher ir-Regolatur konvenut. Jispjega x'tirrikjedi applikazzjoni sabiex tinħareġ liċenzja tali. Iżid li mal-applikazzjoni l-applikant ikun irid ukoll jippreżenta kopja ta' *bunker operator permit* li joħroġ mingħand l-Awtorità tat-Trasport. Iżid li dan il-permess joħroġ *part and parcel* mal-liċenzja li jagħtu huma.

Jispjega li l-liċenzja li jagħtu huma tippermetti t-tqassim tal-karburant lill-opri tal-baħar.

Jgħid li l-liċenzja tal-attur ħarġet fl-1 ta' Ġunju, 2011. Jgħid li dak iż-żmien garanzija bankarja kienet tinħareġ favur l-Awtorità tat-Trasport. Jgħid li favur tagħhom dak iż-żmien ma kinitx tinħareġ garanzija bankarja.

Jispjega li fit-12 ta' Diċembru, 2014 l-attur talab lir-Regolatur sabiex il-liċenzja tiegħu tiġi trasferita b'dan li eventwalment irċevew applikazzjoni għat-trasferiment mingħand C. Cassar u dan kien fl-20 ta' Jannar, 2015. Jgħid li għalkemm l-applikazzjoni għat-trasferiment daħlet ma ġietx proċessata peress li ma ġewx sottomessi d-dokumenti kollha neċessarji.

Jgħid li hemm proċedura interna fejn jekk il-garanzija bankarja mogħtija lill-Awtorità tat-Trasport ma tiġġeddidx huma jiġi infurmati u jistgħu anke jissospendu jew jirrevokaw il-liċenzja mogħtija minnhom. Iżid li ma jafx jekk l-attur kellux garanzija bankarja viġenti fl-2015 u l-2016. Iżid li din iridu jirrispondu għaliha l-Awtorità tat-Trasport.

Jispjega li l-liċenzja mingħandhom inħarġet l-ewwel darba lill-attur fl-1 ta' Ġunju, 2011 b'din kienet valida għal għaxar (10) snin dment li jibqgħu viġenti d-dokumenti kollha

neċessarji. Iżid li hemm ċertu rekwiżiti li fuqhom huma m'għandhomx *direct remit*.

Jgħid li eventwalment huma ġew infurmati li l-*bunker operator permit* ma ġiex imġedded mill-Awtorità tat-Trasport u hawnhekk bdew proċess dwar il-liċenzja mogħtija minnhom. Jgħid li dan ġara fl-2016.

Iżid li kien fl-14 ta' Novembru, 2016 li l-avukat difensur ta' l-attur kiteb lir-Regolatur konvenut sabiex tiġi mwaqqfa l-liċenzja mogħtija minnhom lill-attur.

**In eżami mir-Regolatur konvenut**, xehed[10] li r-Regolatur jiġbor diversi dokumenti fl-istadju tal-applikazzjoni. Iżid li għall-*bunkering* operatur għandu bżonn żewġ (2) liċenzji: waħda mingħand ir-Regolatur u oħra mingħand l-Awtorità tat-Trasport. Iżid li tal-Awtorità tat-Trasport tissejjaħ *bunker operator permit*.

Jixhed li l-garanzija bankarja tintalab mill-Awtorità tat-Trasport mhux mir-Regolatur.

Iżid li r-Regolatur qatt ma jikkanċella liċenzja tiegħu minħabba li ma jkunx hemm garanzija bankarja favur l-Awtorità tat-Trasport. Iżid li l-fatt li ma jibqax fis-seħħ il-*bunker operator permit* ma jfissirx li awtomatikament ma tibqax fis-seħħ il-liċenzja li jagħti r-Regolatur.

Jgħid li f'dan il-każ partikolari l-kuntatt li kellhom mal-operatur kien dwar trasferiment tal-liċenzja favur C. Cassar. Iżid li hawn ma nġabux id-dokumenti kollha meħtieġa u għalhekk it-trasferiment ma seħħx.

---

[10] Traskrizzjoni a fol. 277 sa 283.

Jispjega li fl-2014 l-attur talabhom li jsir ir-trasferiment għal fuq *Claudio Cassar Service Station Limited* b'dan li huma fetħu file u bdew jirċievu d-dokumenti neċessarji. Iżid li l-proċess għat-trasferiment baqa' għaddej sakemm fl-14 ta' Novembru, 2016 l-Avukat Mompalao, patroċinanti l-attur, kitbilhom ittra jitlobhom it-tħassir immedjat ta' kull liċenzja ta' *bunkering* miżmuma mill-attur mar-Regolatur. Iżid li wara dan sar proċess intern u *memo* fejn ġie propost li tintlaqa' t-talba tal-attur għat-tħassir tal-liċenzja.

**In rieżami**, xehed[11] li fl-2014 it-talba tar-rappreżentanti tal-attur kienet sabiex il-liċenzja tiġi trasferita, mhux kanċellata.

Jixhed li biex operatur jopera irid kemm il-liċenzja li joħroġ ir-Regolatur kif ukoll dik li toħroġ l-Awtorità tat-Trasport. Iżid li infatti fl-applikazzjoni tar-Regolatur sabiex tinħareġ liċenzja wieħed mid-dokumenti rikwiżiti huwa l-*bunker operator permit* li toħroġ l-Awtorità tat-Trasport.

Jerġa' jgħid li jekk il-liċenzja mogħtija mill-Awtorità tat-Trasport tintemm, dik mogħtija mir-Regolatur tibqa' għaddejja sakemm l-operatur ma jinfurmax lir-Regolatur.

**Saviour Cassar**, l-attur, xehed[12] li huwa kellu liċenzja tal-*bunkering* mar-Regolatur konvenut. Jgħid li sabiex tawh il-liċenzja kellu jagħmel garanzija bankarja ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000). Iżid li din għamilha mal-bank HSBC. Jgħid li din il-garanzija kellha tiġi mġedda minn sena għal sena.

Jgħid li fl-2013 għalqet il-liċenzja u ġabar il-flus tal-garanzija lura.

---

[11] Traskrizzjoni a fol. 284 sa 288.
[12] Traskrizzjoni a fol. 231 sa 237.

Jgħid li ma jafx jekk ibnu kienx involut b'xi mod. Iżid li l-garanzija qiegħda fuq ismu. Iżid li huwa wara l-2013 ma ħadimx aktar bil-*bunkering*.

B'referenza għall-ittra a fol. 56 tal-proċess—ittra datata l-14 ta' Marzu, 2017—jgħid li dak bagħatha lir-Regolatur konvenut huwa għaliex ir-Regolatur kien qed jitolbu jħallas.

**In eżami mir-Regolatur konvenut**,[13] xehed li l-garanzija bankarja talbitilu l-Awtorità tat-Trasport.

Jixhed li Claudio Cassar huwa ibnu. Iżid li meta huwa ħa l-pensjoni daħal floku ibnu. Iżid li l-liċenzja tar-Regolatur konvenut u tal-Awtorità tat-Trasport baqgħu f'ismu għaliex kienu għal terminu. Iżid li huwa ried jaqleb kollox fuq ibnu.

**L-Avukat Dr Kevin Mompalao**, Avukat difensur tal-attur, xehed[14] li fl-2016 huwa kiteb lir-Regolatur konvenut fejn informa lill-istess li l-attur ma kienx qed juża u ma kellux intenzjoni juża l-liċenzja tal-*bunkering*. Iżid li fil-fatt din l-ittra tissemma fil-*memos* esibiti mir-Regolatur konvenut stess.

**Angelo Parnis**, in rappreżentanza tal-bank *HSBC Bank Malta p.l.c.*, xehed[15] li l-garanzija bankarja numru 8820110953 għal tlieta u għoxrin elf mitejn u erbgħa u disgħin ewro (€23,294) nħarġet nhar id-19 ta' Mejju, 2011 u ġiet ikkanċellata nhar id-9 ta' Mejju, 2012. Iżid li wara dan la reġgħet iġġedded u anqas ħarġet garanzija bankarja oħra flokha.

[13] Traskrizzjoni a fol. 265 sa 269.
[14] Traskrizzjoni a fol. 238 u 239.
[15] Traskrizzjoni a fol. 270 sa 274.

**In kontroeżami,**[16] xehed li l-garanzija bankarja nħarġet f'isem l-attur u terza persuna favur l-Awtorità tat-Trasport kif jidher fit-tielet paragrafu tagħha. Iżid li din inħarġet in konnessjoni ma' operazzjonijiet ta' *bunkering*.

**Ann Marie Grech**, impjegata f'uffiċju ta' *accountant* li jforni servizz lill-attur, xehdet[17] li huma *accounts* jagħmlu iżda l-attur u martu talbuha tagħmlilhom favur u tikkomunika f'isimhom mar-Regolatur. Tgħid li hija dejjem mxiet ma' dak li talbu mingħandha l-attur u martu iżda ftit tiftakar għax għadda ħafna żmien.

**In kontroeżami,**[18] xehdet li l-uffiċju fejn taħdem hi jżommu d-dettalji tal-attivitajiet finanzjarji tal-attur. Iżżid li bħala dħul minn *bunkering* qatt ma rat. Tispjega li safejn taf hi l-attur kien prova jieħu *tender* u għalhekk applika għal-liċenzja iżda peress li t-*tender* ma ħadux il-liċenzja ma kellux x'jambiha. Iżżid li tiftakar li f'xi żmien l-attur kiteb ittra jew imejl sabiex tiġi rexxiża l-liċenzja.

## Ċ. IKKUNSIDRAT:

### Preliminari:

B'din l-istanza l-attur ikkuntesta talba għall-ħlas magħmula mir-Regolatur konvenut ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan abbażi tal-argument tiegħu li huwa kien waqaf milli jiġġestixxi l-attività ta' *bunkering* għal dak il-perjodu ta' żmien—l-2015 u l-2016—li għalih kien rikjest il-ħlas mir-Regolatur konvenut.

[16] Traskrizzjoni a fol. 274 sa 276.
[17] Traskrizzjoni a fol. 289 sa 294.
[18] Traskrizzjoni a fol. 295 sa 297.

Ir-Regolatur konvenut laqa' għal dan billi qal, *inter alia*, li t-talba għall-ħlas tiegħu saret validament u ai termini tat-3 Partita tat-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar l-Awtorizzazzjoni tal-*Bunkering* – Liġi Sussidjarja 545.25.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Mill-provi in atti jirriżulta ampjament li fl-2010 l-attur intavola applikazzjoni sabiex jottjeni liċenzja ta' *bunkering* proprjament magħrufa bħala *authorisation to carry out the activity of loading, discharging and transferring of fuels from a road tanker to a receiving ship* mingħand l-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi kif dakinhar kien magħruf ir-Regolatur konvenut.[19]

Fost id-diversi dokumenti li kellu jannetti ma' din l-applikazzjoni sabiex l-istess tkun tista' tiġi validament proċessata kien hemm *a copy of the Bunker Operator Permit from Transport Malta for each vehicle in the case of vehicles to be used as road tankers*.[20]

Huwa ċar li d-dokumenti rekwiżit ġew ilkoll mgħoddija mill-attur lir-Regolatur konvenut kif dakinhar imsejjeħ l-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi u proċessati kif imiss tant li l-liċenzja magħrufa bħala *authorisation to carry out the activity of loading, discharging and transferring of fuels from a road tanker to a receiving ship* inħarġet lill-attur mhar l-1 ta' Ġunju, 2011.[21] Din kienet iġġib in-numru MRA/BUN/RTK/005/11 u kellha validità sal-31 ta' Mejju, 2021.[22]

Minn hawn 'il quddiem jidher li l-attur seta', għal raġunijiet tiegħu, iddeċieda li ma jutilizzax din il-liċenzja akkwiżita.

L-attur jagħti bħala raguni għaliex m'utilizzax tali liċenzja il-fatt li huwa ried l-istess sempliċiment għaliex kien

interessat f'*tender* li eventwalment ma rebaħx. Din l-istess raġuni tagħtiha terza persuna—Ann Marie Grech—li kienet assistit lill-attur u martu bl-applikazzjoni mar-Regolatur konvenut. Madanakollu, l-istess attur u anke l-istess terza persuna t-tnejn jgħidu wkoll li l-attur ittenta jittrasferixxi din il-liċenzja favur ibnu, Claudio Cassar, jew kumpanija tiegħu *Claudio Cassar Service Station Limited.*

Li jirriżulta fil-fatt mill-atti huwa li l-ewwel li kien seħħ kien li saret applikazzjoni minn Claudio Cassar għat-trasferiment tal-liċenzja BUN/RTK/0005/11 miżmuma minn missieru u dan fl-20 ta' Jannar, 2015.[23]

Jirriżulta mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tar-Regolatur konvenut—l-Inġinier Stephen Muscat—li fil-fatt din l-applikazzjoni għat-trasferiment tal-liċenzja ma gietx proċessata stante li l-applikant naqas milli jippreżenta dokumenti neċessarji.

Jirriżulta wkoll li filwaqt li b'ittra tat-2 ta' Diċembru, 2015 Claudio Cassar talab it-terminazzjoni ta' *bunker operator permit* u talab ukoll ir-rifużjoni ta' garanzija bankarja li kienet mogħtija lill-Awtorità tat-Trasport lil u mingħand l-istess Awtorità tat-Trasport;[24] ir-Regolatur konvenut kien biss infurmat li l-attur rid jittrasferixxi l-liċenzja tiegħu favur *Claudio Cassar Service Station Limited* u dan, l-ewwel

---

[19] Kopja tal-applikazzjoni tinsab a fol. 107 sa 114 b'dokumenti relattivi annessi a fol. 115 sa 126.

[20] Vide kundizzjoni (v) fil-lista ta' dokumenti addizzjonali rekwiżit a pagna 6 minn 8 tal-applikazzjoni liema paġna 6 tinsab a fol. 112 tal-proċess.

[21] Vide kopja tal-liċenzja a fol. 92 sa 101—inkluż in retro pagina—kif għal darb'oħra esibita a fol. 186 sa 196—inkluz in retro pagina.

[22] Vide paġna 2 minn 20 tal-liċenzja liema paġna 2 tinsab in retro pagina tal-fol. 92 tal-proċess.

[23] Kopja tal-applikazzjoni a fol. 132 sa 136 b'kopja tad-dokumenti mehmuża magħha a fol. 137 sa 165. L-istess applikazzjoni ġiet esibita għal darb'oħra a fol. 197 sa 200.

[24] Ref. ittra a fol. 131.

permezz ta' email tal-attur tat-12 ta' Diċembru, 2014[25] li ġiet imbagħad segwita bl-applikazzjoni għat-trasferiment tal-liċenzja mogħtija mir-Regolatur konvenut magħmula minn Claudio Cassar kif fuq spjegat.

Kien biss sussegwentement għal dan, u fl-14 ta' Novembru, 2016—permezz ta' ittra tal-avukat patrocinanti l-attur—li l-attur talab it-tħassir għalkollox ta' kull liċenzja li seta' kellu mar-Regolatur.[26]

Din l-ittra mibgħuta għan-nom tal-attur fl-14 ta' Novembru, 2016 ġiet immedjatament segwita mir-Regolatur konvenut li bagħat *acknowledgment* għall-istess l-għada stess, il-15 ta' Novembru, 2016,[27] u għadda sabiex informa lill-attur bit-tħassir tal-liċenzja b'ittra tas-6 ta' Jannar, 2017 bil-kanċelliment, skont l-istess ittra, kellu jseħħ mill-1 ta' Jannar, 2017.[28]

Jidher li d-diżgwid li wassal għal din l-istanza nħoloq minħabba l-fatt li kif sewwa xehed ir-rappreżentant tar-Regolatur konvenut—l-Inġinier Stephen Muscat—sabiex operatur jopera fis-settur tal-*bunkering* huwa jeħtieġ żewġ (2) liċenzji: dik maħruġa mill-Awtorità tat-Trasport—magħrufa bħala *bunker operator permit*—u dik maħruġa mir-Regolatur li kif intqal hija magħrufa bħala *authorisation to carry out the activity of loading, discharging and transferring of fuels from a road tanker to a receiving ship*.

Jirriżulta li l-ewwel liċenzja li tinħareġ hija fil-fatt dik mill-Awtorità tat-Trasport stante li kopja ta' din, kif diġà spjegat,

[25] Kopja annessa mar-risposta tar-Regolatur konvenut a fol. 16.
[26] Itta a fol. 67.
[27] *Acknowledgement* a fol. 68.
[28] Ittra a fol. 65.

trid tiġi annessa mal-aplikazzjoni għall-ottjeniment tal-liċenzja mingħand ir-Regolatur.

Fil-każ *de quo*, il-liċenzja mingħand l-Awtorità tat-Trasport inħarġet nhar l-1 ta' Ġunju, 2011 u kellha tkun valida sal-31 ta' Mejju, 2012.[29] Mill-provi in atti jirriżulta wkoll ampjament pruvat li kundizzjoni sabiex tingħata din il-liċenzja kienet li l-operatur jottjeni garanzija bankarja favur l-Awtorità tat-Trasport. Garanzija li fill-fatt inħarġet lill-operatur u martu nhar id-19 ta' Mejju, 2011 għal tlieta u għoxrin elf mitejn u erbgħa u disgħin ewro (€23,294).[30]

Kif diġà spjegat, il-liċenzja mingħand ir-Regolatur konvenut ukoll inħarġet lill-attur nhar l-1 ta' Ġunju, 2011 b'dan li kif spjega l-Inġinier Stephen Muscat, huwa ċar li dawn kellhom jimxu flimkien tant li l-istess xhud iżid li sabiex operatur jopera validament irid ikollu ż-żewġ (2) liċenzji viġenti.

Jirriżulta li l-attur, jew aħjar ibnu Claudio Cassar, talab sabiex liċenzja mit-tnejn li kienu miżmuma tiġi kkanċellata u dan, nhar it-2 ta' Diċembru, 2015, bl-ittra diġà msemmija.[31] B'dan iżda li din it-talba saret lill-Awtorità tat-Trasport mhux lir-Regolatur konvenut u saret sabiex tkun terminata l-*bunker operator permit* li, kif spjegat, jinħareġ mill-Awtorità tat-Trasport mhux mir-Regolatur privat.

Infatti, u kif anke diġà spjegat, sadanittant ir-Regolatur konvenut kien biss qiegħed jintalab li jittrasferixxi l-liċenzja mogħtija minnu, mhux li jikkanċella l-istess. U dan sal-14 ta' Novembru, 2016 meta mbagħad kiteb l-avukat patroċinanti l-attur, din id-darba lir-Regolatur, sabiex l-

[29] Kopja tal-liċenzja bil-kundizzjonijiet annessi magħha a fol. 103 sa 104—inkluż in retro pagina, u għal darb'oħra esibita mill-attur stess a fol. 242 sa 245.
[30] Garanzija bankarja a fol. 246.
[31] Ittra a fol. 131.

istess iħassar kull liċenzja ta' *bunkering* li l-attur kellu miegħu. Rikjesta li kif ukoll diġà spjegat ir-Regolatur konvenut aġixxa fuqha b'mod adegwat tant li sas-6 ta' Jannar, 2017 l-attur kien diġà infurmat li l-liċenzja kienet revokata.[32] B'dan iżda li ġie wkoll infurmat li r-revoka kienet qed issir *mingħajr preġudizzju għal kull obbligu jew ammont dovut minnek* — l-attur — *versu r-Regolatur inklużi l-ammonti dovuti ghall-awtorizzazzjoni BUN/RTK/05/11 ghas-snin 2015 u 2016*.

Hawnhekk ir-relevanza tal-Partita 3 tat-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar l-Awtorizzazzjoni ta' *Bunkering* — Liġi Sussidjarja 545.25 — skont liema:

> *3. Għat-tagħbija, ħatt u trasferiment ta' karburanti bejn tanker u bastiment li jkun jirċievi l-karburanti għandu jiġi mħallas dritt ta' €500 u ta' €50 għal kull tanker għal kull sena u ta' 0.20 euro għal kull tunnellata ta' karburanti rilaxxat għall-finijiet ta' bunker marittimu.*

B'dan li, tenut kont tal-fatt li l-attur ħalla l-liċenzja mogħtija lilu mir-Regolatur konvenut viġenti sal-15 ta' Novembru, 2016, skattaw l-ispejjeż relatati mal-istess għall-istess sena 2016 filwaqt li kien għadhom dovuta dawk għas-sena 2015 kif konfermat kemm fl-ittra tar-Regolatur tas-6 ta' Jannar, 2017,[33] kif ukoll fil-korrispondenza bl-imejl mibgħuta mir-Regolatur konvenut lill-attur kopja ta' liema hija annessa wkoll mar-risposta tar-Regolatur konvenut għal dawn il-proċeduri.[34]

---

[32] Ref. ittra tas-6 ta' Jannar, 2017 a fol. 65.
[33] Ittra a fol. 65.
[34] Imejls a fol. 17.

Din il-Qorti rat u eżaminat l-argumenti miġjuba mill-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu rigward ir-raġjonevolezza b'dan iżda li din il-Qorti ma tistax taqbel mal-attur li r-Regolatur ma kienx raġjonevoli f'din iċ-ċirkostanza.

L-attur jallega li ladarba huwa rtira l-garanzija bankarja liema azzjoni wasslet għat-terminazzjoni tal-liċenzja mogħtija lilu mill-Awtorità tat-Trasport, mela r-Regolatur kellu wkoll jirrexxendi l-liċenzja mogħtija minnu. Għal dan ir-Regolatur irrisponda, *inter alia*, li l-proċeduri relattivi għal-liċenzja mogħtija mill-Awtorità tat-Trasport huma indipendenti minnu u huwa fi dmir tal-operatur li jinformah jekk l-istess liċenzja mogħtija mill-Awtorità tat-Tarsport ma tiġġeddidx għal xi raġuni jew oħra.

Hawnhekk, din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mar-Regolatur.

Ir-Regolatur baqa' konsistenti f'li jgħid li huwa qatt ma talab garanzija bankarja u li m'ghandux kontroll fuq il-liċenzja mogħtija mill-Awtorità tat-Trasport. Dan ma ġie bl-ebda mod validament kontestat mill-attur. Anzi, l-attur beda sabiex kien vag rigward minn talbu l-garanzija bankarja sa ma mbagħad preżenta kopja tagħha huwa stess u rinfaċċjat biha qal li kienet fil-fatt l-Awtorità tat-trasport li talbitilu.

Ir-rappreżentant tal-bank mingħand minn ittieħdet l-istess garanzija, għalkemm kien rettiċjenti għaliex kif qal huwa stess xogħlu mhuwiex direttament fuq garanziji bankarji, għaraf ukoll li l-istess garanzija nħarġet favur l-Awtorità tat-Trasport. Xi ħaġa li din il-Qorti tagħraf faċilment waħedha minn qari tal-garanzija nfisha li tibda billi hija indirizzata lill-Awtorità tat-Trasport u, fit-tielet (3)

paragrafu tagħha, issemmi lill-Awtorita' tat-Trasport speċifikatment.[35]

M'huwiex konċepibbli li l-attur ippretenda li kellu jkun ir-Regolatur li jżomm huwa akkont ta' x'qed jigri ma' Awtorità indipendenti minnu meta l-attur kien jaf—jew ċertament kellu jkun jaf—li parti integra għall-validità tal-liċenzji mogħtija lilu kienet li dawn it-tnejn ikunu jikkonsistu validament flimkien.

**DECIDE:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad it-talba attriċi tilqa' l-eċċezzjonijiet tar-Regolatur konvenut.

Bl-ispejjeż a karigu tal-attur.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**

[35] Ref. kopja tal-garanzija a fol. 246.